**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 7 ta’ Frar 2025**

**Kawża Numru: 1696/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Vs**

**Sadik Hamad Mahamad**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta’ **Sadik Hamad Mahamad** ta’ ħamsin (50) sena, iben Hamad u Nadifa kunjomha xebba Mohammedi, imwieled is-Sudan, nhar l-ewwel (1) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija u ħamsa u sebgħin (1975), mingħajr residenza fissa, detentur tal-permess ta’ residenza Maltija bin-numru 0070011A;

U nakkużah talli, b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li magħmula b’rizoluzzjoni waħda, u li jitqiesu bħala reat wieħed;

Nhar l-erbgħa (04) ta’ Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta’ bejn is-sagħtejn u nofs ta’ wara nofsinhar (14.30hrs) u l-erbgħa u nofs ta’ wara nofsinhar (16.30hrs) minn ġewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' fliexken ta' l-alkohol, bil-valur li jitqies bħala serq sempliċi u li sar għad-dannu ta' Joseph Brown u/jew l-istabbiliment 'Muscat' u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

U wkoll talli nhar il-ħamsa (05) ta' Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14.30hrs) u l-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16.30hrs) minn ġewwa Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' fliexken ta' l-alkohol, bil-valur li jitqies bħala serq sempliċi u li sar għad-dannu ta' Joseph Brown u/jew l-istabbiliment 'Muscat' u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS1387 u PC1516 uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliehomx jaqdu, jew fixkel jew indaħal lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

U wkoll talli nhar il-ħamsa (05) ta' Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025) u/jew fil-ġranet preċedenti ġewwa l-Gżejjer Maltin;

4. Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ.

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-imputat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Joseph Brown;

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Il-Qorti *in oltre* ħadet nota tal-fatt li l-abbli avvukat difensur iddikjarat illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont ta' tlieta u tletin ewro u tletin ċenteżmu (€33.30) li ġie ndikat mill-Prosekuzzjoni bħala l-ammont ta' danni subiti, li għandhom jiġu riżarċiti mill-imputat;

**Decide**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 18, 284, 285, 338(ee) u 338(w) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u qegħda tikkundannah għal piena ta' **xahrejn priġunerija effettiva.**

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati jirestitwixxi l-ammont ta' tlieta u tletin ewro u tletin ċenteżmu (€33.30) lil Joseph Brown fi żmien erbgħa (4) xhur mill-llum.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qegħda toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' **Joseph Brown**. Dan l-Ordni ta' Trażżin qiegħed jinħareġ għal perijodu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u

kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil**

**Deputat Reġistratur Michela Deguara**